**317. L-Onor. Janice Chetcuti, f'isem l-Oppożizzjoni, tipproponi:**

Billi fis-seduta parlamentari tas-7 ta' Ottubru 2024, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra r-Regolamenti tal-2024 dwar Persuni li jagħlfu l-Qtates - Avviż Legali 168 tal-2024;

Billi dawn ir-Regolamenti dwar Persuni li jagħlfu l-Qtates ġew ippubblikati mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Oppożizzjoni, iżda b'sempliċi daqqa ta' pinna tal-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali;

Billi l-Oppożizzjoni temmen li dawn ir-regolamenti ma jirrispettawx, mhux biss fit-totalità tagħhom, id-drittijiet u l-ħarsien dovut lejn l-annimali, iżda wkoll ta' dawk l-individwi kollha li għandhom għal qalbhom l-istess annimali;

Billi l-Oppożizzjoni tasal għal dan wara li ġie nnutat li aħna ma naqblux ma' waħda mid-definizzjonijiet magħmula inkwantu għandu jkun hemm definizzjoni aktar ċara sabiex tinħoloq distinzjoni bejn persuni li jagħlfu l-annimali u persuni li jagħlfu l-annimali b'mod regolari;

Billi l-Oppożizzjoni tara wkoll il-ħtiega li erba' artikli minnhom, u ċjoè artikli 3, 6, 8 u 9, għandhom jiġu emendati biex tidħol definizzjoni aħjar għaliex fihom ma tingħatax l-importanza sħiħa lill-annimal inkwistjoni u l-benessere totali tiegħu, b'relazzjoni ma' dak li hu rikjest mill-istess individwi li jħossu fihom ir-responsabbiltà li jagħtu kenn u ikel lil dawn l-annimali abbandunati fit-triq;

Billi l-Oppożizzjoni ma tistax tifhem u taċċetta għalfejn permezz ta' dan id-dokument ser ikun qed jiġi aġġunt piż anke penali fuq min jinstab iħenn għal annimal;

Billi l-Oppożizzjoni temmen ukoll illi bl-inklużjoni ta' dawn l-artikli kif inhuma miktuba u msemmija fl-Avviż Legali 168 tal-2024, tista' tkun qed tinħoloq forma ta' penali u pressjoni żejda li diġà hija koperta permezz ta' Kap. 206, l-Att dwar Żibel u Skart, u għaldaqstant jekk tkun inkluża f'dawn ir-Regolamenti wkoll, din tkun qed ixxekkel lill-annimali milli jiġu mitmugħa b'mod regolari minn kulħadd u mhux biss minn dawk l-individwi li jkunu reġistrati, u allura dan kollu jwassal għal moħqrija bla bżonn fuq l-annimal, xi ħaġa li tmur kontra dak li hu mistenni mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439;

Billi l-Oppożizzjoni għaldaqstant mhux qed tara koerenza fir-rispett lejn l-annimali u lejn min jieħu ħsiebhom;

Billi l-Oppożizzjoni tara u tifhem l-importanza li tinħoloq distinzjoni bejn persuni li jieħdu ħsieb kolonji ta' qtates ta' barra, li għandhom jaderixxu mar-regolamenti biex anke jkunu jistgħu jiġu megħjuna jagħmlu dan permezz ta' benefiċċji, u persuni li ma jeħdux ħsieb b'mod regolari ta' xi kolonja ta' qtates ta' barra iżda li jħossu f'qalbhom li għandhom

jitimgħu annimal bil-ġuħ, fosthom qtates ta' barra jekk tiġi l-opportunità, b'mod li dan ikunu jistgħu jagħmluh mingħajr ma jidħlu f'piż ta' penali għax ma jkunux reġistrati (Id-dmir li wieħed iħalli l-indafa warajh meta jagħmel dan diġà huwa inkorporat fil-liġi l-oħra hawn fuq imsemmija, ċjoè l-Att dwar Żibel u Skart, Kap. 206);

Billi l-Oppożizzjoni temmen ukoll illi l-Avviż Legali joħroġ biċ-ċar in-nuqqas ta' konkretezza u kredibbiltà fid-deċiżjonijiet meħuda biex l-annimali u l-ħarsien tagħhom jittieħed bis-serjetà;

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq li hi totalment favur il-ħarsien tal-annimali u d-drittijiet tagħhom, tant li fil-passat kien proprju Gvern immexxi minn Partit Nazzjonalista li ħoloq u beda d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, fetaħ Ċentru San Franġisk, waqqaf l-ewwel klinika għall-annimali miġbura u salvati minn barra t-triq u saħansitra beda sensiela ta' benefiċċji li minnhom setgħu jgawdu dawk kollha li jieħdu ħsieb annimali li jgħixu fit-triq;

Billi għalhekk l-Oppożizzjoni qiegħda tieħu dan il-pass favur u b'rispett sħiħ lejn il-ħarsien u d-Drittijiet tal-Annimali u lejn kull min jieħu ħsiebhom;

Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali u oħrajn li l-Oppożizzjoni tkellmet dwarhom pubblikament, din il-Kamra tirriżolvi li r-Regolamenti tal-2024 dwar Persuni li jagħlfu l-Qtates - Avviż Legali Nru 168 tal-2024 - għandhom jiġu emendati kif ġej:

1) **Għandu jkun hemm żewġ definizzjonijiet ta'** "persuni li jitimgħu" fl-Avviż Legali 168 tal-2024, u ċjoè minbarra d-definizzjoni preżenti ta' "**persuna li tagħlef**" kif inhi mniżżla fir-regolamenti preżenti, li tkun tirreferi għal kwalunkwe individwu li tiġih ħniena minn annimal ta' barra bil-ġuħ, tiżdied definizzjoni oħra ta' "**persuna li tagħlef b'mod regolari**" li tkun tfisser kwalunkwe persuna reġistrata mal-Kunsill Lokali li tieħu ħsieb kolonja ta' qtates tat-triq f'konformità mal-Att;

2) **Artiklu 3** tal-Avviż Legali Nru 168 tal-2024 li jaqra hekk:

> *"3. L-ebda persuna ma għandha tagħlef qtates tat-triq f'żona pubblika sakemm ma tkunx reġistrata mal-Kunsill Lokali."*

għandu jiġi emendat b'mod li jkun jaqra hekk:

> *"3. Persuna li tagħlef aktar minn tlett iqtates tat-triq b'mod regolari għandha tirreġistra ruħha mal-Kunsill Lokali u tali persuna tkun taqa' taħt id-definizzjoni ta' "persuna li tagħlef b'mod regolari"."*;

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq li kull persuna għandu jkollha l-libertà li tħenn għal annimal tat-triq bil-ġuħ, anke jekk ma tkunx reġistrata mal-Kunsill Lokali, u allura tkun tista' titma' mingħajr il-biża' li tiġi penalizzata, tali persuna għandha taqa' taħt id-definizzjoni ta' "persuna li tagħlef", iżda fil-każ ta' persuna li tagħlef aktar minn tlett iqtates ikun hemm il-bżonn li tirreġistra ruħha mal-Kunsill Lokali hekk kif jitolbu dawn l-istess regolamenti u tkun taqa' taħt id-definizzjoni ta' "persuna li tagħlef b'mod regolari";

3) **Artiklu 6** tal-Avviż Legali 168 tal-2024, li jaqra hekk:

*"6.(1) Kull persuna li tagħlef għandha tipprovdi lill-Kunsill Lokali bil-post tal-għalf ta' kull kolonja permezz ta' koordinati tal-GPS ta' kull waħda mill-kolonji tagħhom, in-numru ta' qtates f'kull kolonja, in-numru ta' qtates imsewwija, u jekk disponibbli d-dettalji relattivi tal-mikroċippa."*

għandu jiġi emendat b'mod li jkun jaqra hekk:

*"6.(1) Kull persuna li tagħlef* ***b'mod regolari*** *għandha tipprovdi lill-Kunsill Lokali bil-post tal-għalf ta' kull kolonja permezz ta' koordinati tal-GPS ta' kull waħda mill-kolonji tagħhom, in-numru ta' qtates f'kull kolonja, in-numru ta' qtates imsewwija, u jekk disponibbli d-dettalji relattivi tal-mikroċippa.";*

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq li kull persuna għandu jkollha l-libertà li tħenn għal annimal tat-triq bil-ġuħ, anke jekk ma tkunx reġistrata mal-Kunsill Lokali, u allura tkun tista' titma' mingħajr il-bża' li tiġi penalizzata, tali persuna għandha taqa' taħt id-definizzjoni ta' "persuna li tagħlef", iżda fil-każ ta' persuna li tagħlef aktar minn tlett iqtates ikun hemm il-bżonn li tirreġistra ruħha mal-Kunsill Lokali hekk kif jitolbu dawn l-istess regolamenti u tkun taqa' taħt id-definizzjoni ta' "persuna li tagħlef b'mod regolari";

4) **Artiklu 8** tal-Avviż Legali 168 tal-2024 li jaqra hekk:

*"8. Persuni li jagħlfu għandhom jiżguraw li l-qtates fil-kolonja tagħhom ikunu f'saħħithom u ħielsa mill-mard u għandu jsir kull sforz sabiex jiġi żgurat li l-qtates fil-kolonja jiġu msewwija. Il-persuni li jagħlfu għandhom jinfurmaw lid-Direttur minnufih meta jkun hemm suspett ta' qattus marid u, jew suspett ta' tifqigħa ta' mard."*

għandu jiġi emendat b'mod li jkun jaqra hekk:

*"8. Persuni li jagħlfu* ***b'mod regolari*** *għandhom jiżguraw li l-qtates fil-kolonja tagħhom ikunu f'saħħithom u ħielsa mill-mard u għandu jsir kull sforz sabiex jiġi żgurat li l-qtates fil-kolonja jiġi msewwija. Il-persuni li jagħlfu għandhom jinfurmaw lid-Direttur minnufih meta jkun hemm suspett ta' qattus marid u, jew suspett ta' tifqigħa ta' mard.";*

Dan billi l-Oppożizzjoni tifhem u tapprezza li persuna li tagħlef b'mod regolari tlett iqtates jew aktar, jew kif jissejħu kolonji, għandha tkun responsabbli li tara li dawk l-istess qtates jibqgħu jgawdu mill-aħjar kundizzjonijiet ta' saħħa anke permezz ta' tiswija u li jibqa' jiġi żgurat li jgħixu f'ambjent san 'il bogħod mill-mard, anke permezz ta' kuntatt kontinwu mad-Direttorat imsemmi;

5) **Artiklu 9** tal-Avviż Legali 168 tal-2024 li jaqra hekk:

*"9. Kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha teħel penali ta' ħamsin euro (€50) imposta mid-Direttur, li tista' tiġi kkontestata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja."*

għandu jiġi emendat b'mod li jkun jaqra hekk:

*"9. Kwalunkwe persuna li ma tirrispettax li tħalli l-indafa fil-post pubbliku fejn jiġu mitmugħa l-annimali ta' barra għandha teħel penali ta' ħamsin euro (€50) imposta mid-Direttur, li tista' tiġi kkontestata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.";*

Dan billi l-Oppożizzjoni taqbel u temmen li jekk persuna ma tirrispettax li tħalli l-indafa f'postijiet pubbliċi anke billi tħalli ikel u fdalijiet bl-addoċċ, għandha tiġi penalizzata, iżda persuna m'għandha qatt tiġi penalizzata u mwaqqfa milli tħenn għal annimal ta' barra bil-ġuħ sempliċement għax ma tkunx irreġistrat ruħha mal-Kunsill Lokali kif attwalment jindikaw id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti kif inhuma miktuba.

**30.10.2024**

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-seduta 305 tad-29 ta' Jannar 2025**